MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 86/2014

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament  mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponent u l-intimata kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-8 ta' Ottubru 1995 fil-Knisja Parrokjali Gudja;

Ili l-esponent huwa legalment separat minn ma martu l-intimata ghal dawn l-ahhar erba' snin u sebgha xhur, u cioe mill-25 ta' Awissu 2009, ai termini ta' l-artiklu 66G(2)(a) tal-Kodici Civili, permezz ta' kuntratt redatt fl-atti tan-Nutar Dr Marilena Cristina, skont l-anness kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazzjoni immarkata bhala Dok KC 1;

Illi skont klawsola numru erbgha (4) tal-kuntratt anness, l-esponent huwa obbligat li jissomministra manteniment ta' tlett mitt ewro fix-xahar (€300) ghall-minuri J B, kif ukoll ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni;

Ili dan il-manteniment jghaddi regolarment u jizdied kull sena skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja hekk kif stipulat fl-anness certifikat ta' separazzjoni;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi r-rekwiziti kollha mehtiega fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili huma sodisfatti;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, u dan ai termni ta' l-artiklu 66D tal-Kodici Civili, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Awissu 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------